Transport Malta

13 t'April, 2011

Għażiż Resident,

Bħala parti mix-xogħlijiet marbuta mal-Proġett ta' Bieb il-Belt, li jinkludu t-twaqqiegħ ta' Triq il-Papa Piu V, Transport Malta qed tħejji arranġamenti tat-traffiku li se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Mejju għall-vetturi deħlin il-Belt.

Għaldaqstant, l-aċċess mill-1 ta' Mejju 'l quddiem se jkun dan:

- Triq San Pawl għal dawk il-vetturi li se jkunu deħlin il-Belt minn Vjal Ġlormu Cassar (Pjazza ta' Kastilja); u
- Triq San Mark għall-vetturi deħlin il-Belt minn naħa ta' Triq l-Assedju l-Kbir (ring road).

Barra minn hekk u biex jikkumplimentaw dawn iż-żoni ta' aċċess, se jidħlu fis-seħħ numru ta' miżuri tat-traffiku:

- Id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq l-Arċisqof se tinbidel. Aċċess għal Triq l-Arċisqof se jkun minn Triq il-Merkanti;
- Triq il-Lanċa (il-Lanċa ta' Tas-Sliema / Pitch tal-Water Polo) se tinbidel f'*one-way* fid-direzzjoni lejn il-Mina tal-Ingliżi/Jews Sally Port. Se jitħalla aċċess għal Jews Sally Port mill-parti t'isfel ta' Triq l-Ifran; u
- Ser ikun hemm żewġ ħruġ minn Pjazza Mattia Preti (ħdejn il-Bandli).

Għal perjodu ta' ġimgħatejn bejn it-2 ta' Mejju u s-16 ta' Mejju, Transport Malta se tkun qed timplimenta skema għal meta jkunu għaddejjin xogħlijiet fuq il-Pont ta' Bieb il-Belt. L-aċċess għal min jidħol bil-mixi se jkun magħluq u għalhekk Transport Malta se torganizza *shuttle service* bejn il-venda tal-Karozzi tal-Linja tal-Belt u l-Pjazza ta' Kastilja. Għal min jippreferi jimxi se jkun hemm aċċess minn Vjal Nelson u l-Foss ta' San Ġakbu li jwassal fejn il-Bank Ċentrali.

Fl-aħħarnett, id-dettalji dwar l-iskema tal-immaniġġjar tat-traffiku, inkluż il-mapep jinstabu fuq is-sit www.transport.gov.mt. Għal aktar informazzjoni jew kjarifki fuq dan il-proġett ċemplu jew ibgħatu SMS lil Stephanie Falzon fuq 99813041.

Nirringrazzjak bil-quddiem għall-koperazzjoni.

Nselli għalikom,

Daniela Borg Mizzi
Assistenta Eżekuttiva tac-Chairman
Transport Malta